IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.10.2025
SWD(2025) 289 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

[…]

Li jakkumpanja d-dokument

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-provvisti tal-elettriku esterni, iċ-ċarġers mingħajr fili, il-pads tal-iċċarġjar mingħajr fili, iċ-ċarġers tal-batteriji għall-batteriji portabbli ta' użu ġenerali u l-kejbils USB tat-Tip C, skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1782

{C(2025) 6759 final} - {SEC(2025) 264 final} - {SWD(2025) 288 final}

Valutazzjoni tal-impatt dwar Regolament li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal provvisti tal-elettriku esterni (EPS, external power supplies) u li jħassar ir-Regolament (UE) 2019/1782

A. Ħtieġa għal azzjoni

Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

Kull sena jinbiegħu aktar minn 400 miljun EPS fl-UE. Dawn jipprovdu l-elettriku lil apparati finali elettroniċi u elettriċi bħal laptops, smartphones, routers mingħajr fili u xkupilji tas-snien elettriċi. L-effiċjenza enerġetika tagħhom hija rregolata skont ir-Regolament (UE) 2019/1782 li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn. Ir-regolament fih rekwiżit biex jiġi rivedut fid-dawl tal-progress teknoloġiku. Il-klawżola ta' rieżami tidentifika għadd ta' rekwiżiti speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati b'mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika b'tagħbija ta' 10 %, il-kamp ta' applikazzjoni u l-aspetti relatati mal-ekonomija ċirkolari b'mod partikolari l-interoperabbiltà.

Ir-regolament ġie evalwat u nstab li kien effettiv fit-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija tal-EPS. Instab ukoll li jibqa' rilevanti, iżda s-suq li qed jinbidel għall-prodotti motorizzati u t-teknoloġiji tas-semikondutturi li qed jevolvu ġew identifikati li joffru potenzjal mhux sfruttat għal aktar benefiċċji enerġetiċi, ambjentali u għall-konsumatur.

Separatament, permezz ta' emenda tad-Direttiva 2014/53/UE dwar it-Tagħmir tar-Radju, l-UE għamlet l-ewwel pass lejn soluzzjoni tal-iċċarġjar komuni għall-apparati elettroniċi. Dan ta mandat għal konnettur komuni u protokoll tal-iċċarġjar għal firxa ta' apparati elettroniċi b'mod partikolari l-ismartphones, il-laptops u t-tablets. Fiż-żmien tal-adozzjoni ġie rikonoxxut li kien hemm ħtieġa parallela biex jiġu rregolati l-EPS użati biex tħaddem dawn l-apparati u apparati simili.

L-intervent għandu l-għan li jidentifika r-rekwiżiti ottimali tal-ekodisinn għall-EPS biex jingħata kontribut għall-għanijiet tal-effiċjenza enerġetika u ambjentali tal-UE, appoġġ lil ekonomija aktar ċirkolari u jiġu evitati l-ostakli għall-EPS fis-suq uniku. Ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn ifissru li l-istrettezza tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika jenħtieġ li tiġi stabbilita fil-livell biex tinkiseb l-inqas kost taċ-ċiklu tal-ħajja għall-konsumaturi, jinkiseb l-iffrankar tal-kostijiet filwaqt li jingħata kontribut għall-miri ġenerali tal-UE.

Bħalissa l-konsum tal-enerġija ta' madwar 2 biljun EPS fl-UE jammonta għal madwar 11,6 TWh li huwa madwar 0,5 % tal-konsum finali tal-elettriku tal-UE. L-emissjonijiet tal-enerġija u tas-sustanzi niġġiesa jseħħu wkoll matul il-manifattura tagħhom. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-produzzjoni u l-użu

X'inhi mistennija tikseb din l-inizjattiva?

L-inizjattiva hija mistennija li tirriżulta f'EPS aktar effiċjenti li se jużaw inqas elettriku biex iħaddmu l-apparati finali u b'hekk jiffrankaw il-flus lill-konsumaturi fuq il-kont tal-elettriku tagħhom. Din se tirriżulta wkoll f'inqas emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u ta' gassijiet serra mill-ġenerazzjoni tal-elettriku.

Permezz tar-rekwiżiti tal-interoperabbiltà, l-inizjattiva se tnaqqas il-ħtieġa tal-konsumaturi li jixtru EPS ġodda ma' kull prodott motorizzat u tnaqqas in-nefqa tagħhom. Permezz ta' inqas xiri ta' EPS se jkun hemm inqas ħtieġa għal materjali u inqas enerġija u emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa mill-manifattura.

Meħuda flimkien, dawn ir-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika u tal-interoperabbiltà jikkontribwixxu għall-objettivi tal-UE dwar l-enerġija, il-klima u l-ambjent.

Ir-rekwiżiti tal-interoperabbiltà huma mistennija li jżidu b'mod sostanzjali l-konvenjenza tal-konsumatur billi jiżguraw li l-EPS ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw b'apparati differenti u jkunu jistgħu jiġu sostitwiti faċilment minn oħrajn f'każ ta' ħsara jew telf.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Id-Direttiva dwar l-Ekodisinn, li tipprovdi l-qafas għar-regolamentazzjoni tal-prestazzjoni tal-EPS u ta' prodotti oħra relatati mal-enerġija, ġiet adottata biex tiżgura l-valur miżjud tal-UE. Din tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tirregola l-prestazzjoni ambjentali ta' dawn il-prodotti filwaqt li tiżgura li r-rekwiżiti jkunu l-istess fis-suq uniku kollu u b'hekk jiġi evitat kwalunkwe ostaklu għall-moviment liberu tal-prodotti.

Bl-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn fil-livell tal-UE, qed ikunu disponibbli aktar prodotti ekoloġiċi u effiċjenti fl-użu tal-enerġija fl-UE kollha, fl-Istati Membri kollha. Dan is-suq huwa ħafna drabi akbar minn dak fi Stat Membru wieħed u b'hekk joħloq inċentiv ferm akbar għall-industrija biex tinnova u tiżviluppa

prodotti li jissodisfaw ir-rekwiżiti bl-aktar mod kosteffettiv.

Għalhekk hemm valur miżjud ċar fl-istabbiliment tar-rekwiżiti tal-ekodisinn fil-livell tal-UE. Mingħajr rekwiżiti armonizzati fil-livell tal-UE, l-Istati Membri jistgħu jiġu inċentivati jistabbilixxu rekwiżiti minimi nazzjonali speċifiċi għall-prodott fil-qafas tal-politiki nazzjonali tagħhom dwar l-ambjent u l-enerġija li joħolqu ostakli għall-kummerċ. Dan kien il-każ għal ħafna prodotti qabel ma ġew stabbiliti miżuri tal-ekodisinn fil-livell tal-UE.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

Ġiet esplorata firxa wiesgħa ta' miżuri possibbli permezz ta' djalogu mal-partijiet ikkonċernati fil-Forum Konsultattiv dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija u laqgħat bilaterali kif ukoll permezz ta' kummenti bil-miktub. Dawk il-miżuri esplorati indirizzaw l-effiċjenza enerġetika, l-interoperabbiltà u d-durabbiltà tal-EPS.

Ġie kkunsidrat ftehim volontarju iżda l-prodott huwa kkaratterizzat minn għadd kbir ħafna ta' manifatturi u għalhekk l-istabbiliment ta' ftehim bħal dan li jkopri sehem kbir mis-suq ma huwiex plawżibbli. L-industrija ma esprimietx interess f'tali ftehim u għalhekk din l-għażla twarrbet.

Wara analiżi preliminari ġew skartati diversi miżuri oħra fosthom:

- Rekwiżiti tar-riparabbiltà.
- Armonizzazzjoni u limiti ta' effiċjenza attiva għall-iċċarġjar mingħajr fili.
- Tikketta tal-Enerġija tal-UE.
- Separazzjoni obbligatorja tal-EPS mill-prodott motorizzat.
- Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għall-EPS għal tagħmir tad-dawl u roti elettriċi.
- Rekwiżiti ta' informazzjoni dwar l-effiċjenza.
- Rekwiżiti tal-USB għall-EPS li tħaddem ċerti kategoriji ta' prodotti, inklużi applikazzjonijiet li jintużaw f'ambjent imxarrab, vacuum cleaners, ġugarelli u apparati tal-awdjo.

Ġew ivvalutati għażliet ta' politika li jippakkjaw miżuri differenti biex jesploraw firxa ta' livelli ta' effiċjenza enerġetika u angoli tal-ekonomija ċirkolari. Intgħażlet għażla ppreferuta li kklassifikat l-aħjar meta ngħatat punteġġ fuq l-effiċjenza enerġetika tagħha biex tikseb l-inqas kost tal-konsumatur tul iċ-ċiklu tal-ħajja, l-effettività tagħha fit-tnaqqis tal-użu tal-enerġija u tal-emissjonijiet, il-kosteffiċjenza tagħha u l-koerenza tagħha ma' politika oħra tal-UE. L-għażla ppreferuta tikkombina l-miżuri li ġejjin:

- Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għal ċarġers mingħajr fili, apparati għall-iċċarġjar tal-batteriji b'ċellula waħda, injetturi Power over Ethernet attivi u USB indipendenti tal-EPS.
- Rekwiżiti tal-interoperabbiltà għall-EPS b'potenza tal-output ta' inqas minn 240W, li jħaddmu apparati finali bħal: It-tagħmir tal-IT u tat-telekomunikazzjoni (eż. routers mingħajr fili), l-elettronika tal-konsumatur u tal-uffiċċju (eż. apparat ta' wiri fuq skrin, kaxxi tad-dekowder, consoles tal-logħob), apparati tal-iċċarġjar tal-batteriji b'ċellula waħda, pads tal-iċċarġjar mingħajr fili.
- Rekwiżiti ta' informazzjoni dwar l-interoperabbiltà inkluż logo ta' Ċarġer Komuni tal-UE.
- Rekwiżit ta' effiċjenza minima b'operazzjoni ta' tagħbija ta' 10 % għal EPS > 10W.
- Rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika medja tal-modalità attiv u mingħajr tagħbija aktar stretti.
- Limitu tal-konsum tal-enerġija fil-modalità standby għall-pads tal-iċċarġjar mingħajr fili.
- L-esternalizzazzjoni taċ-ċirkwiterija tal-provvista tal-enerġija għaċ-ċarġers bla fili u għaċ-ċarġers tal-batteriji b'ċellula waħda.
- Rekwiżiti ta' durabbiltà, b'mod partikolari kejbils tal-output li jistgħu jinqalgħu.

L-għażla ppreferuta se twassal biex madwar 35 sa 40 % addizzjonali tas-suq tal-EPS tal-UE jsir interoperabbli minbarra madwar 50 % li huwa mistenni li jkun riżultat tar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju.

Min jappoġġja liema għażla?
Il-partijiet ikkonċernati u l-esperti mill-awtoritajiet nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet industrijali, l-NGOs ambjentali u l-gruppi tal-konsumaturi ġew ikkonsultati b'mod estensiv matul il-proċess ta' rieżami. Fi Frar 2023 ġie ppreżentat sett inizjali ta' għażliet lill-Forum Konsultattiv dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija. It-tieni Laqgħa tal-Forum Konsultattiv saret f'Novembru 2023. L-analiżi preliminari, l-evalwazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha saru disponibbli online għall-parteċipanti, inklużi minuti, preżentazzjonijiet, u dokumenti ta' pożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati. Saru wkoll laqgħat bilaterali ma' assoċjazzjonijiet industrijali u esperti tekniċi. L-NGOs ambjentali u tal-konsumaturi kienu ħafna favur effiċjenza aktar stretta u l-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' interoperabbiltà u durabbiltà. Il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri kienu aktar dettaljati, b'xi wħud jiffavorixxu rekwiżiti ta' effiċjenza aktar stretti u oħrajn xettiċi dwar ir-rekwiżiti ta' durabbiltà. In-negozju u l-industrija kellhom it-tendenza li jkunu aktar xettiċi fir-rigward tar-rekwiżiti tal-effiċjenza b'tagħbija ta' 10 % u l-aspetti tal-interoperabbiltà u tad-durabbiltà. Il-maġġoranza tar-reazzjonijiet waslu b'reazzjoni għall-miżuri ta' interoperabbiltà. B'mod partikolari xi Stati Membri u assoċjazzjonijiet tal-industrija qajmu kwistjonijiet potenzjali ta' sikurezza għall-EPS li joperaw f'ambjenti mxarrba (eż. kmamar tal-banju), jew li jeħtieġu protezzjoni speċifika għall-iskariku elettrostatiku (eż. vacuum cleaners). Tqajjem ukoll tħassib dwar l-applikazzjonijiet tat-tidwil. Intalbet ċarezza dwar ir-rekwiżiti għall-apparati tal-iċċarġjar tal-batteriji. Ġew ippreżentati argumenti favur limitu ta' applikabbiltà għar-rekwiżiti l-ġodda tat-tagħbija ta' 10 %. L-NGOs ambjentali talbu rekwiżiti stretti ta' effiċjenza, anke għall-iċċarġjar mingħajr fili u rekwiżiti addizzjonali ta' durabbiltà għall-kejbils.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji u l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)?
Il-benefiċċji ewlenin li huma mistennija mill-għażla ppreferuta huma użu aktar baxx tal-enerġija, kemm waqt l-użu kif ukoll fil-manifattura, u assoċjati ma' dan, inqas emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' sustanzi niġġiesa. Se jintuża inqas materjal kemm fil-manifattura tal-EPS, bħala riżultat ta' użu mill-ġdid akbar tal-EPS, kif ukoll mill-kombustjoni tal-fjuwil biex jiġi ġġenerat l-elettriku. F'termini kwantitattivi, l-għażla ppreferuta hija mistennija li tiffranka kull sena sal-2035 madwar 3 % tal-konsum tal-enerġija tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-EPS, 9 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati u madwar 13 % tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa relatati, kollha meta mqabbla maż-żamma tal-*istatus quo*. Dawn il-benefiċċji se jwasslu għal tnaqqis fin-nefqa tal-konsumatur ta' madwar €100 miljun fis-sena sal-2035. L-iffrankar tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-soċjetà huwa stmat li huwa kemxejn ogħla daqs madwar €130 miljun fis-sena. Ir-rekwiżiti tal-interoperabbiltà se jwasslu għal żieda konsiderevoli fil-konvenjenza tal-konsumatur li, jekk tiġi monetizzata, hija stmata li twassal benefiċċji addizzjonali lill-konsumaturi ta' ordni komparabbli ta' kobor.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Ma hemm l-ebda impatt addizzjonali fuq il-baġits jew l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Għall-manifatturi, il-miżuri previsti jwasslu għal piż amministrattiv addizzjonali estremament limitat, biss minħabba rekwiżiti biex tiġi stampata informazzjoni addizzjonali speċifika. Dawn l-ispejjeż addizzjonali għall-integrazzjoni tal-logo taċ-Ċarġer Komuni fuq in-nameplate tal-EPS u l-imballaġġ tiegħu huma stmati li huma fil-medda ta' subċenteżmi sa massimu ta' €0,001 għal kull unità mibjugħa, li jammontaw għal massimu ta' madwar €400k fis-sena għall-EPS kollha introdotti fis-suq tal-UE.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Din ir-reviżjoni hija mistennija li tappoġġja l-innovazzjoni, bħala riżultat tal-istabbiliment ta' rekwiżiti tekniċi minimi u li tħalli l-kompetizzjoni dwar kif għandhom jiġu ssodisfati. Dan jappoġġja x-xejriet tas-suq li għaddejjin bħalissa lejn effiċjenza enerġetika ogħla. Ir-rekwiżiti li ġejjin huma ġodda u huma mistennija li jiġu segwiti fi swieq u ġuriżdizzjonijiet oħra:

- Rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika b'tagħbija ta' 10 %.
- Rekwiżiti ta' interoperabbiltà li jiżguraw il-kompatibbiltà tal-EPS biex titħaddem firxa wiesgħa ta' tagħmir.
- Rekwiżiti ta' durabbiltà li iżidu l-kwalità ġenerali u l-ħajja tal-EPS mibjugħa fl-UE

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Huwa previst rieżami 5 snin wara l-adozzjoni tar-Regolament rivedut. F'dak il-punt issir evalwazzjoni tar-Regolament abbażi ta' data tas-suq u informazzjoni oħra.